MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2009

Numru. 3/2002
Kawza Numru. 1

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs**

**Charles Spiteri**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Charles Spiteri ta' 37 sena bin Carmel u Rose nee Delia mwieled il-Pieta' fl-10 ta' Frar 1964 u residenti Binja K Entrance A Flat no 7 Housing Estate Żabbar ID 2074 (M)

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fid-29 ta' Lulju, 1998 u fit-tmien xhur ta' qabel dina d-data

a) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza

dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-persuna/i jew għall-persuna/i mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta' Malta u mingħajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern, skond id-dispożizzjonijiet tas-sitt (6) Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-dorgi Perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

b) u aktar talli f'dawn il-Gżejjer matul ix-xahar t'April 1998 u matul dan l-aħħar ħames xhur kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pusess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-Liċenzja mill-President ta' Malta li jollu d-dorga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msmemija kienet fornuta lilu għall-użu tieġġu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

ċ) U aktar talli sar reċidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati Malta) Awla 1 liema kawża saret definittiva fis-17 ta' Novembru 1992.

2. Il-Qorti ntalbet, biex f'każ ta' ħtija, tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9.

3. Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż l-ordni tal-Avukat Ġenerali tas-17 ta' Diċembru 2001, iċ-ċertifikat tat-twelid li jġib in-numru 20 tal-1974, il-fedina penali tal-imputat, il-konferma tal-esperti maħturin fl-inkjesta, il-proċes verbal intitolat 'Xhieda mogħtija minn noel Zammit fil-21 ta' Jannar 1998' (fol 19), il-ħatra tas-sur Godwin Sammut sabiex janaizza d-dokumenti SG 1 u SG 2, l-istqarrijiet tal-imputat, il-kopja taċ-ċitazzjoni kif mibdula, il-verbal li fih l-imputat ta ruħu notifikat biċ-ċitazzjoni kif mibdula (fol76), u l-proċes-verbal intitolat 'Xhieda ta' Errol Frendo' redatt mill-Maġistrat Dr.Antonio Mizzi fis-27 t'Awwissu 1999.

4. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

5. Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

6. Xehed PC 246 Vincent Decesare li qal li fil-21 ta' Jannar 1998 kienet saret tfittxija fir-residenza tal-imputat minn fejn inġabru xi biċċa foil u sachet vojt. Fil-kċian nstab qartas ieħor vojt. Dawn kienu esibiti fis-seduta tas-7 ta' Marzu 2002. Din ix-xhieda kienet ikkonfermata minn PS 201 Sandro Magro.

**L-Istqarrija tal-imputat**

7. Mill-istqarrija tal-imputat tal-21 ta' Jannar 1998 jirriżulta li dak iż-żmien kien jieħu pakkett tal-5 filgħodu u ieħor filgħaxija. Kien jieħu l-eroina billi jaħraqha fuq il-foil. Huwa ammetta li l-affarijiet li għandhom x'jaqsmu mad-droga u li kienu nstabu fid-dar kienu tiegħu. Huwa nnega li xi darba kien biegħ xi droga.

8. L-imputat irrilaxxja stqarrija oħra fl-24 ta' Frar 1998 li fiha qal li l-pakkett misjub mis-suldati fir-roadblcok kien fih foil maħruq u karti mgħaffġin.

9. Kienet esibit sentenza mogħtija fil-11 ta' Marzu 1993 fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Charles Spiteri' li fiha l-imputat kien ikkundannat jagħmel tliet xhur priġunerija.

10. Xehed ukoll l-espert Godwin Sammut li ppreżenta r-relazzjoni tiegħu u kkonferma li mill-oġġett elevate minn gaħdn l-imputat kien hemm 0.08 gramnmi a; eroijħna,

Noel Zammit xehed li kien jixtri d-droga eroina minn għand Charles Spiteri f'Jannar 1998. Meta kien mistoqsi jagħraf l-imputat, huwa qal:

**'By elimination huwa dik il-persuna imma mhux qed nagħrfu.'**

11. Ix-xhud baqa' jgħid li kien jagħraf lill-imputat iżda ma kienx ċert. Ikkonferma li minn għand min kien jixtri kien jismu Kristinu. Il-Maġistrat imbagħad qralu x-xhieda li kien ta bil-ġurament u x-xhud (li huwa IT Manager) kkonfermaha. **Imbagħad għaraf lill-persuna li kienet bilqegħda**. Huwa qal li kien differenti minn kif kien jiftakru għax għaddew għaxar snin. (Fol.72). Huwa qal li fir-ritratt li kienu wrewh fiż-żmien tal-istqarrija kien hemm l-istess persuna li kien irrefera għaliha fl-istqarrija. (Fol.72)..

12. Xehed is-Supretendent (illum Assistant kummissarju) Neil Harrison li qal li f'Jannar tal-1998 uffiċjali oħra u hu għamlu raid fir-residenza tal-imputat. Il-mobile tal-imputat beda jdoqq u l-Pulizija bdew jieħdu t-telefonati huma. Huma kienu ftehmu mal-persuna li kienet ix-xhud Noel Zammit li meta marru l-Pulizija fuq il-post sabuh bit-telefon mqabbad mal-Pulizija. (Fol.80-81). Noel Zammit kien iffrma fuq ir-ritratt tal-imputat u qal li Charles Spiteri ta-ritratt kien l-istess bniedem imsemmi fl-istqarrija ġuramentata ta' Noel Zammit. Ir-ritratt kien Polaroid. U kien hemm il-firem tax-xhud innifsu, tas-surġent u ta' Noel Zammit. Ix-xhud ikkonferma li r-ritratt li kien wera lil Noel Zammit kien tal-imputat.

13. Xehed ukoll Errol Frendo li qal li kien ġab l-eroina minn għand ċertu Krispinu. Huwa indika lill-imputat bħala l-persuna li ien jisimha Krispinu. Huwa kien xtara minn

għadn l-imputat xi erba' darbiet f'perjodu ta' sitt xhur. Huma kienu jiltaqgħu n-naħa tal-Kottonera.

14. Mix-xhieda ġuramentata, jirriżulta li l-aħħar darba li Errol Frendo kien xtara d-droga eroina minn għand l-imputat kien is-Sibt ta' qabel it-30 ta' Lulju 2008.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

15. Il-Prosekuzzjoni ressqet żewġ persuni li kienu għamlu stqarrijiet ġuramentati dwar min għand min kienu xtraw id-droga. Noel Zammit għall-ewwel ma għarafx lill-imputa fl-Awla iżda wara għaraf lill-imputat kif jirriżulta mill-atti. Barra dan xehed l-Assistant Kummissarju Neil Harrison li kkonferma li Noel Zammit kien saħansitra ffirma fuq ritratt Polaroid tal-imputat li bih ikkonferma li l-persuna fir-ritratt u dak imsemmi fl-istqarrija kien l-istess persuna. Il-Qorti qed taċċetta din l-evidenza għax hija l-aħjar waħda li setgħet tippreżenta l-Prosekuzzjoni fiċ-ċirkostanzi. Il-fatt li għal xi raġuni r–ritratt oriġinali ma deherx jew ma ddaħħalx fl-atti ma jfissirx li l-prova magħmula bil-ġurament tal-Assistant Kummissarju mhix tajba biżżejjed.

16. Iżda barra dan, l-istess Noel Zammit, li huwa IT Manager u għalhekk kapaċi jiftakar, wara mumenti ta' eżitazzjoni fil-bidu, ikkonferma li l-bniedem li kien issupplixieh bid-droga kien l-imputat. Anzi kien qed isir tentattiv biex isir hekk propju fil-21 ta' Jannar 1998 meta l-Pulizija sabuh għadu bit-telefon jitkellem (min għalih) mal-imputat. (It-tentattiv għall-ispaċċjar tad-droga huwa punit daqs li kieku sar l-ispaċċjar innifsu. Ara artikolu 22(5) tal-Kap 101.

17. It-tieni xhud, Errol Frendo, ikkonferma li l-imputat kien tah id-droga fiż-żmien indikat fl-ewwel imputazzjoni.

18. Għaldaqstant, il-Qorti qed tiddeċiedi li l-Prosekuzzjoni ppruvat l-ewwel imputazzjoni.

19. Dwar it-tieni imputazzjoni, din hija ampjament ippruvata kemm mir-riżultati forensiċi kif ukoll mill-istqarrija tal-imputat innifsu.

20. It-tielet imputazzjoni, ir-reċidiva, ma kenitx ippruvata stante li s-sentenza ngħatat fis-17 ta' Novembru 1992 u r-reati jidhru li saru f'xi Jannar tal-1998 u għalhekk kienu gaddew aktar minn ħames snin.

**Konklużjoni**

21. Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(h), 49 u 50 tal-Kap 9, ir-regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii) tal-Kap 101 kif ukoll l-artikolu 22(1B) tal-istess Kap issib lill-imputat ħati tal-ewwel u t-tat-tieni imputazzjoni bit-tieni imputazzjoni assorbita fl-ewwel waħda u qed tilliberah mit-tielet imputazzjoni.

22. Dwar il-piena, il-Qorti qed tikkonsidra li dawn il-proċeduri damu xi ftit għalkemm l-imputat kien assenti diversi drabi u għalhekk ikkontribwixxa biex komplew twalu dawn il-proċeduri.

23. Għaldaqstant, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat għal għaxar xhur priġunerija u għall-ħlas ta' multa ta' €700 liema multa tista' titħallas b'rati ta' €50 kull xahar bl-ewwel pagament iseħħ fi żmien erba'ġimgħat mil-lum. Jekk ix pagament ma jitħallasx, il-bilanċ jitħalals f'daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma titħallasx din tinbidel f'jum priġunerija għal kull €11.65 li ma jitħallsux.

24. Il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat iħallas l-ispejjeż tal-esperti li jammontaw għal ( €278.88 (Lm119.18).

25. Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt il-ħarsien tar-Reġistratur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------